




PJATTAFORMA TAL-UE GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TAT-TFAL

Pjan ta' Ħidma
2023-2024



[#EUChildParticipation](https://twitter.com/EUChildParticipation)



Matul l-Assemblea Ġenerali f'Ġunju 2023, kulħadd iddiskuta l-ħidma tal-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal.

Dan id-dokument juri kif il-Kummissjoni, is-Segretarjat u l-Bord Konsultattiv tal-Pjattaforma inkludew l-ideat mill-Assemblea Ġenerali, u dak li għadu ma ġiex inkluż.

- **L-Assemblea Ġenerali** hija laqgħa għat-tfal li huma membri tal-Pjattaforma. Huma jissuġġerixxu ideat għal suġġetti u attivitajiet.
- **Il-Bord Konsultattiv** huwa grupp ta' tfal u adulti minn madwar l-Ewropa. Huma jagħtu parir lill-Kummissjoni.
- **Il-Panel tat-Tfal** huwa grupp ta' tfal minn madwar l-Ewropa. Huma jagħtu pariri lis-Segretarjat dwar l-organizzazzjoni tal-affarijiet.
- **Is-Segretarjat** huma n-nies li jgħinu biex jiġi organizzat kolloxx: persuni mill-kumpanija ICF, l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tat-tfal "Save the Children" u "SOS Children's Villages", il-kumpanija RPA, u l-esperti Laura Lundy u Cath Larkins.
- **Il-Kummissjoni** hija parti mill-Unjoni Ewropea. Huma jisimgħu l-ideat tat-tfal involuti fil-pjattaforma u jippruvaw jinkluduhom fid-deċizzjonijiet tal-UE. Huma jħallsu għall-attivitajiet.



Fuq xiex se tiffoka l-Pjattaforma?

It-tfal riedu li l-Pjattaforma tiffoka fuq dawn is-suġġetti:

- Il-waqfien tal-vjolenza kontra t-tfal
- Is-saħħa u l-benesseri tat-tfal
- Il-parteċipazzjoni tat-tfal fit-teħid tad-deċizzjonijiet
- It-tfal għal Ewropa aktar ġusta u aktar ekoloġika
- Il-faqar fost it-tfal
- Il-protezzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni



Ġie deċiż li:

L-ewwel żewġ oqsma ta' prijorità se jiġu inklużi fil-Pjan ta' Hídma għall-2023-2024. Se nqattgħu wkoll ħin f'din l-ewwel sena nevalwaw il-Pjattaforma u noħolqu s-sit web. L-oqsma ta' prijorità l-oħra jistgħu jkunu fil-Pjan ta' Hídma li jmiss (2025-2026).

Se nippruvaw noħolqu opportunitajiet biex niddiskutu l-oqsma ta' prijorità l-oħra fis-Suġġetti 1 u 2 (ara aktar 'l isfel). Is-suġġetti u l-azzjonijiet għas-snin 2025 u 2026, se jiġu diskussi mit-tfal fl-2024 u fl-2025, fil-laqgħat tal-bord konsultattiv u tal-assemblea ġenerali li jmiss, f'każ li jkunu jixtiequ jibdlu xi ħaġa.


Ir-raġunijiet għal din id-deċiżjoni huma:

Il-Pjattaforma tista' taħdem biss fuq erba' suġġetti kull darba.

Billi issa se tiffoka fuq l-ewwel suġġetti, il-Pjattaforma se tkun qed taħdem fuq il-kwistjonijiet fl-istess ħin tal-Kummissjoni. Dan se jgħin biex jiġi żgurat li l-ideat tat-tfal ikollhom aktar influwenza.



X'attivitajiet se toffri l-Pjattaforma?



L-attivitajiet se jkunu:

- laqgħat online u fiżiċi, b'logħob, logħob ta' rwoli, votazzjonijiet.
- laqgħat ma' esperti, rappreżentanti tal-gvernijiet u l-istituzzjonijiet tal-UE, u ma' attivisti żgħażaġh.
- kwestjonarji online u diskussjonijiet fi gruppi.
- il-kitba mill-ġdid ta' dokumenti b'lingwaġġ u format aktar sempliċi.

Min se jorganizza l-attivitajiet?

L-attivitajiet se jiġu organizzati mis-Segretarjat tal-Pjattaforma.

Il-Panel tat-Tfal se jiddiskuti u jipproponi kif għandhom jiġu organizzati l-attivitajiet.

Il-Kummissjoni Ewropea se tiżgura li kollox imur sew, tipprovdi kummenti u suġġerimenti għall-Pjan ta' Hídma u kif dan se jitpoġġa fil-prattika.



X'inhu l-Pjan ta' Ħidma?

Il-Pjan ta' Ħidma huwa:



Suġġett 1

Sens ta' Sikurezza



Suġġett 2

Id-demokrazija u l-votazzjoni



Suġġett 3

Is-sit web tal-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal



Suġġett 4

X'ħadem, x'ma ħadimx u x'inhu l-pass li jmiss?



Suġġett 1

Sens ta' Sikurezza

Mejju 2023 – Ġunju 2024

XIEX u GĦALIEX:

Dan is-suġġett huwa marbut mal-ħidma tal-Kummissjoni dwar kif tista' tittejjeb il-protezzjoni tat-tfal madwar l-UE. Ir-riżultati se jgħinu lill-Kummissjoni tikteb dokument ta' politika * bl-isem ta' "Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi Integrati għall-Protezzjoni tat-Tfal". Dan id-dokument se jispjega kif esperti u servizzi differenti jistgħu jaħdmu flimkien aħjar sabiex it-tfal ikunu sikuri.

Il-Kummissjoni talbet ukoll lill-adulti biex jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar dan l-istess suġġett u tkellmet mal-kollegi fil-Kummissjoni u mal-gvernijiet tal-UE. Id-dokument se jiġi adottat mill-Kummissjoni fl-ewwel 3 xhur tal-2024.

KIF:

1. **Stħarriġ online adattat għat-tfal, gruppi fokali u intervisti** (Ġunju – Ottubru 2023)
2. **Laqgħa online** għat-tfal – membri tal-Pjattaforma (Jannar - Frar 2024) biex jikkellmu dwar l-attività u r-riżultati tagħha, biex iwiegħbu l-mistoqsijiet tat-tfal u jiffukaw fuq suġġetti li huma l-aktar importanti għat-tfal, pereż. il-benesseri jew/u s-saħħa mentali. Din se tinkludi esperti li jkunu jistgħu jwiegħbu mistoqsijiet jew jiddiskutu suġġetti li t-tfal ikunu jixtiequ jgħallmu aktar dwarhom.
3. **Verżjoni adattata għat-tfal** tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Sistemi Integrati għall-Protezzjoni tat-Tfal (April – Mejju 2024) bil-lingwi kollha tal-UE.

AZZJONIJIET:

- It-tfal se jsemmgħu leħnhom dwar dak li jeħtieġu biex iħossuhom sikuri u se jkollhom il-possibbiltà li jikkellmu dwar dan mal-esperti.
- Il-Kummissjoni se tuża l-opinjoni u l-ilħna tat-tfal biex tikteb ir-rakkomandazzjonijiet u se tispjega lit-tfal kif sar dan.
- Ir-rakkomandazzjonijiet se jagħtu pariri lill-gvernijiet fl-UE dwar kif jiproteġu aħjar lit-tfal.



Id-demokrazija u l-votazzjoni

Novembru 2023 - Ġunju 2024

XIEX u GĦALIEX:

Matul l-Assemblea Ġenerali, it-tfal qalu li kien importanti li jiġu diskussi d-demokrazija u l-età tal-vot. Raġuni oħra għalfejn se tiġi diskussa d-demokrazija hija minħabba li f'Ġunju 2024 iċ-ċittadini Ewropej se jagħżlu n-nies li se jirrappreżentawhom fil-Parlament Ewropew. Se nħarsu wkoll lejn il-modi differenti ta' parteċipazzjoni fid-demokrazija (pereż. il-kunsilli tat-tfal u taż-żgħażaġh) u kif permezz tagħhom, it-tfal jistgħu jagħmlu bidla u impatt.

Id-dritt tal-vot huwa parti importanti ħafna tad-demokrazija u mezz kif wieħed ikun ċittadin attiv. F'xi pajjiżi ż-żgħażaġh mill-età ta' 16-il sena jistgħu jivvutaw. Se naraw kif din taħdem fil-prattika u se nagħtu spazju lit-tfal biex jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwarha.

Peress li t-tfal riedu wkoll jibdeu jesploraw is-suġġetti l-oħra previsti għall-Pjan ta' Hídma li jmiss tal-Pjattaforma 2025-2026 malajr kemm jista' jkun, is-Suġġett 2 se jiffoka fuq kif nistgħu niproteġu lilna nfusna minn aħbarijiet foloz u miżinformazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' suġġetti bħat-tibdil fil-klima, kwistjonijiet ambjentali u s-saħħa mentali.

KIF:

1. **Sessjonijiet ta' hídma online għat-tfal – membri tal-Pjattaforma flimkien mal-esperti** biex jiddiskutu dwar x'inhi d-demokrazija f'pajjiż, f'belt, fi skola u kif issir verifika tal-fatti tal-informazzjoni. Se nużaw is-suġġett tat-tibdil fil-klima bħala eżempju ta' qasam fejn jeħtieġ li nkunu nistgħu ngħidu jekk l-informazzjoni hijiex vera jew falza. Is-sessjoni ta' hídma se taqşam informazzjoni dwar l-aħjar Prattiki fil-ġlieda kontra l-aħbarijiet foloz u tesplora proċessi demokratiċi li permezz tagħhom it-tfal jistgħu jagħmlu bidla.
2. **Konsultazzjonijiet mat-tfal – membri tal-Pjattaforma:** stħarriġ online u gruppi fokali dwar il-parteeipazzjoni fil-proċessi demokratiċi, fl-elezzjonijiet, inkluż il-votazzjoni għal dawk li għandhom 15+ f'pajjiżi speċifiċi, kif taħdem, xi jħajjar lit-tfal u ż-żgħażaġh biex ikunu attivi/jivvutaw. L-intervisti jistgħu jsiru ma' żgħażaġh li diġà vvutaw u attivisti żgħażaġh.
3. **Dokument adattat għat-tfal b'linji gwida** dwar kif jaċċessaw informazzjoni preċiża online, x'inhi l-votazzjoni elettronika, kif jirreġistraw għall-elezzjonijiet, kif jinvolvu ruħhom fi proċessi demokratiċi apparti l-votazzjoni.

AZZJONIJIET:

- It-tfal se jiksbu taħriġ prattiku u informazzjoni dwar kif jaċċessaw informazzjoni preċiża online u xi tfisser id-demokrazija fil-prattika.
- Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet se jiġu ppreżentati u diskussi mal-Istati Membri tal-UE.
- Il-Kummissjoni/il-Parlament Ewropew se jikseb ideat dwar kif għandhom jitmexxew il-kampanji elettorali għaż-żgħażaġh fil-futur.



Is-sit web tal-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal

Settembru 2023 - Mejju 2024

XIEX u GĦALIEX:

Fil-laqgħa tal-Assemblea Ġenerali, it-tfal qalu li jixtiequ aktar informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal.

Huwa importanti li din l-informazzjoni tkun faċli u interessanti biex it-tfal u l-adolexxenti jinteraġixxu magħha, sabiex aktar tfal ikunu jistgħu jitgħallmu dwarha u jinvolvu ruġhom.

Biex jgħinuna nagħmlu dan, se naħdmu mat-tfal biex noħolqu s-sit web u l-informazzjoni li tinsab fuq is-sit web.

KIF:

1. **Stħarriġ online adattat għat-tfal**, gruppi fokali u intervisti mat-tfal biex jinkisbu opinjonijiet u preferenzi.
2. **Logħob interattiv online u esperimenti** għat-tfal biex jgħinuna naraw jekk is-sit web huwiex organizzat sew u jekk huwiex faċli biex jinftiehem u jintuża.
3. **Diskussjonijiet mat-tfal** dwar kif jistgħu jkunu involuti fl-iżvilupp futur tas-sit web tal-Pjattaforma.

AZZJONIJIET:

- It-tim tas-sit web tal-Kummissjoni, flimkien mas-Segretarjat, se joħloq sit web adattat għat-tfal, filwaqt li jqis il-fehmiet tat-tfal.
- Dak kollu li nitgħallmu mit-tfal se jiġi kondiviż f'laqgħa mal-organizzazzjonijiet tal-UE għall-parteċipazzjoni tat-tfal, b'pakkett ta' apprendiment għall-adulti biex jgħinohom fis-siti web tagħhom.
- Il-**Pjattaforma** se tinvolti lit-tfal fil-ħolqien ta' komunikazzjoni u informazzjoni online.



Suġġett 4

X'ħadem, x'ma ħadimx u x'inhu I-pass li jmiss?

Ġunju - Diċembru 2024

XIEX u GĦALIEX:

Din hija l-aħħar u parti importanti ħafna ta' dan il-Pjan ta' Ħidma. Se nagħtu ħarsa lejn dak li ħadmet fuqu l-Pjattaforma fl-2023 u l-2024 u niddiskutu x'nixtiequ li nżommu u x'nixtiequ li nibdlu. Nistgħu nagħtu ħarsa lejn kif nistgħu nilħqu aħjar lit-tfal f'pajjiżi differenti u kif għandna nirreklamaw il-Pjattaforma. Id-diskussjonijiet se jinvolvu suġġerimenti dwar il-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni mil-laqgħa tal-Bord Konsultattiv ta' Ottubru.

Se nitkellmu wkoll dwar kif nistgħu nipromwovu aħjar id-drittijiet tat-tfal fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Abbażi ta' dawn se nħejju l-Pjan ta' Ħidma li jmiss.

KIF:

- Konsultazzjonijiet:** se jkun hemm sħarriġ online u gruppi fokali u intervisti
- Laqgħa fiżika/laqgħa ibrida:** F'sessjonijiet ta' ħidma u attivitajiet differenti li se jorbtu mal-attivitajiet preċedenti kollha organizzati fl-2023 u l-2024, it-tfal se jesploraw u jiddiskutu dawn is-suġġetti:
 - Sens ta' Sikurezza:** preżentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal, feedback u diskussjoni/laqgħa ma' esperti (Suġġett 1) u rappreżentanti tal-gvernijiet
 - Demokrazija u elezzjonijiet:** laqgħa ma' attivisti zgħażaġh/awtoritajiet tal-Istati Membri biex jiġi diskuss il-feedback mill-istħarriġ tas-Suġġett 2
 - Sit web:** riflessjoni dwar il-proċess ta' kokreazzjoni, kif dan għandu jitkompla u l-kondiviżjoni ta' Prattiki tajba (Suġġett 3)
 - Il-kompożizzjoni tal-Pjattaforma u kif l-adulti u t-tfal jistgħu jaħdmu flimkien aħjar:** diskussjoni dwar l-aħjar modi ta' kollaborazzjoni u l-ħidma tal-Pjattaforma, inkluż dak li sar s'issa u l-ippjanar tal-perjodu li jmiss.

AZZJONIJIET:

- It-tfal se jagħtu u jirċievu feedback tal-konsultazzjonijiet kollha li pparteċipaw fihom.
- It-tfal se jagħtu l-kontribut tagħhom għall-Pjan ta' Ħidma li jmiss.
- L-awtoritajiet tal-Istati Membri se jiġu mistiedna għal diskussjoni mat-tfal dwar suġġett magħżul.
- Il-Kummissjoni se tikseb għarfien dwar kif il-Pjattaforma ħadmet s'issa, x'għandha żżomm, x'għandha tibdel.



Kif taħdem il-Pjattaforma mat-tfal u għalihom?



